MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 458/1994/1

**Michael Mifsud**

**v.**

**Carmel Stivala u Martin Stivala**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell interpost minn Martin Stivala (Carmel Stivala gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju) minn

sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili[1] fl-4 ta' Ottubru 2002 u li permezz taghha hu gie, *inter alia*, ikkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000) in linea ta' danni, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' dik l-istess sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament. Ikun opportun li tigi riprodotta s-sentenza kollha ta' l-ewwel Qorti peress li fiha hemm riprodotti c-citazzjoni u l-eccezzjonijiet kollha, kif ukoll ir-ragunament ta' dik l-istess Qorti li wassalha tiddeciedi kif iddecidiet:

"Il-Qorti

"Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

"Illi huwa detentur tal-hanut tad-deheb li jinsab f'138A, The Strand, Gzira, mentri l-konvenuti jew min minnhom huma proprjetarji jew jippresjedu fil-fond adjacenti estensjoni tal-Hotel Petit Paradis, The Strand, Gzira;

"Illi l-konvenuti ghamlu xi xoghol ta' natura strutturali fil-fond taghhom fuq imsemmi jew minnhom okkupat u bl-aktar mod abbuziv u kontra kull divjet tal-ligi, nvadew il-hanut fuq imsemmi tal-attur b'mod billi carrtu hitan divizorji biex fil-veru sens tal-kelma dahlu fil-bitha u l-ambjenti tal-hanut in kwistjoni;

"Illi dan ix-xoghol ghamluh kontra kull protesta u oppozizzjoni li ghamel l-attur u minkejja l-interventi u twiddib tal-pulizija u ta' l-ufficjali tal-Awtorita' tal-Ippjanar u b'persistenza kbira f'okkazjonijiet differenti kkawzaw hsarat fil-hanut u fi proprjeta' ohra hemm sitwata tal-attur;

"Illi fil-kors ta' dawn ix-xogholijiet abbuzivi u llegali maghmula mill-konvenuti jew min minnhom, ikkawzaw danni lill-attur konsistenti f'eluf ta' liri inter alia, qalbu tank tal-isweeping li fih kien hemm sedimentati trab tad-deheb li ngema' fih tul is-snin, kissru rham u anke t-tinda tal-hanut;

[1] Ic-citazzjoni giet originarjament ipprezentata fil-Qorti tal-Kummerc.

“Premess ghalhekk illi jehtieg li jigu likwidati d-danni sofferti;

“Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jew min minnhom jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

“1. tiddikjarahom responsabbli tal-agir illegali u abuziv fil-konfront tal-attur imwettaq fil-kors tax-xogholijiet fuq imsemmija;

“2. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur; u

“3. tikkundannahom ihallsu d-danni hekk likwidati;

“Bl-ispejjez u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

“(1) Preliminarjament illi l-attur mhux proprjetarju tal-fond 138A The Strand, Sliema, kif allega fic-citazzjoni u b'hekk id-danni li qed jigu allegati li saru fil-proprjeta', jekk saru, ma jistax jitlob risarciment ghalihom l-attur, izda biss sid il-fond;

“(2) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u in via preliminari ukoll, illi l-konvenuti mhumiex il-legittimi kontraditturi billi la huma proprjetarji tal-hotel Petit Paradis, The Strand, Gzira, u lanqas tal-estensjoni ta' maghha u b'hekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

“(3) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-konvenuti m'ghamlu xejn kontra l-ligi u x-xogholijiet kollha li saru fil-lukanda u l-estensjoni taghha, saru kollha skond il-ligi, taht is-sorveljanza tal-Perit Fenech Vella u

bil-kunsens ta' sid il-fond 138A The Strand, Sliema u dawn ix-xogholijiet ma rrekaw ebda danni la lill-attur u lanqas lil sid il-fond 138A The Strand, Sliema;

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

“Rat id-digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-24 ta’ April 1995 li bih giet ordnata korrezzjoni fil-korp tac-citazzjoni u bhala konsegwenza giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;[2]

“Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Dicembru 1996 minn fejn jirrizulta li l-partijiet iddikjaraw li jaqblu li l-konvenut Martin Stivala gie liberat mill-Qorti tal-Appell ghar-rigward ta’ proceduri penali li ttiehdu kontra tieghu in konnessjoni mal-fatti meritu ta’ din il-kawza;

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

“Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Gunju 2000;

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenbuti;

“Rat in-nota responsiva tal-attur;

“Ikkonsidrat:

“L-attur jallega li l-konvenuti, jew minn minnhom, abusivament u b’mod ghal kollox irregolari, dahlu f’certi ambjenti u fil-bitha tal-hanut tad-deheb gestit minnu u li jinsab f'138A, The Strand, Gzira u skond l-attur huma kkawzaw danni u dana billi, inter alia, qalbu tank tal-isweeping li fih kien hemm sedimentati u trab tad-deheb li jkun ngema' tul is-snin u inoltre kissru rham u anke t-tinda tal-hanut. L-attur ghalhekk qed jitlob li jigu likwidati dawn id-danni u li jkun hemm dikjarazzjoni li l-konvenuti, jew minn minnhom, huma responsabbli biex ihallsu dawn l-istess danni;

[2] F’dak id-digriet il-Qorti ordnat li l-ispejjez konnessi mieghu jithallsu mill-attur – ara fol. 18

“L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti giet sorvolata bl-imsemmi digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-24 ta’ April 1995 li bih giet ordnata korrezzjoni fil-korp tac-citazzjoni;

“Il-konvenuti qed jeccepixxu li huma mhux il-legittimi kontradittur i billi huma mhux il-proprjetarji tal-hotel Petit Paradis, The Strand, Gzira, u tal-estensjoni ta’ dan il-fond, li hu adjacenti ghall-imsemmi hanut gestit mill-attur. Inoltre l-konvenuti qed jeccepixxu li huma m'ghamlu xejn kontra l-ligi u x-xogholijiet li saru ma rrekaw ebda danni lill-attur;

“Mill-povi jirrizulta li l-imsemmi hanut, gestit mill-attur, hu adjacenti ghal proprjeta li hi uzata bhala lukanda. Jidher li din il-lukanda hi proprjeta ta’ socjeta kummercjali, li taghha l-konvenut Carmelo Stivala hu azzjonista u li maghha l-konvenut l-iehor Martin Stivala hu impjegat. Jirrizulta li fiz-zmien in kwestjoni kienu qed isiru xogholijiet strutturali fl-imsemmija lukanda, inkluz li kienet qed issir estensjoni mal-istess lukanda. Dawn ix-xogholijiet kienu jinvolvu ukoll il-bini mill-gdid ta’ hajt divizorju mal-hanut detenut mill-attur, b’mod partikoari ma fejn tinsab ix-shaft fl-imsemmi hanut;

“L-attur ikkonferma li fl-imsemmi hanut huwa ghandu workshop zghir fejn huwa jahdem id-deheb u l-fidda. Huwa jghid ukoll li fix-shaft mal-hajt, li jmiss mal-imsemmija lukanda, kellu tank tal-plastic hekk mgharuf bhala “sweeping” fejn kien jingabar it-trab u l-frak tad-deheb u l-fidda li kien jibqa wara li jsir xoghol fuq dawn il-metalli. F’dan it-tank kienu jingabru l-fdalijiet kollha li jirrizultaw wara li jinhadmu l-imsemmija metalli. L-attur spjega li dan it-tank wara certu periodu ta’ zmien jintbghat barra minn Malta fejn jingabru dawn il-fdalijiet li jkunu ngemghu. Huwa jghid li generalment wara xi hames (5) snin il-valur ta’ dawn il-fdalijiet komplessivament ilahhaq is-somma ta’ bejn erba u hamest elef liri maltin (Lm4000/Lm5000). F’dan ir-rigward l-attur esibixxa xi dokumenti minn fejn jidher li fil-1985 il-kontenut tat-tank kien intbghat barra sabiex jingabru l-fdalijiet kollha tad-deheb u tal-fidda (MMX4 – fol.50). Dawn id-dokumenti, pero’, zgur li ma jistghgux jitqiesu li huma konkluissivi

ghar-rigward tal-valur tal-frak u tat-trab tal-metalli in kwestjoni;

“L-attur semma’ okkazjoni, waqt li kienu qed isiru l-imsemmija xogholijiet, fejn filghodu dahal fl-imsemmi hanut detenut minnu u sab li ma setax jidhol fis-shaft tal-istess hanut tieghu u li fl-istess shaft kien hemm xi nies qed jghamlu xi xoghol ta’ kostruzzjoni. Dwar dan kollu huwa ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta’ tas-Sliema. In effett il-Pulizija marru fuq il-post u sussegwentement irrizulta li l-konvenut Martin Stivala kien wiehed minn dawk li kienu fix-shaft tal-hanut tal-attur. Meta l-attur seta jidhol fix-shaft tal-hanut tieghu, huwa nduna li kienu qalghu kompletament wiehed mill-hitan tax-shaft u li l-imsemmi tank “sweeping” kien maqlub ta’ taht fuq. Skond l-attur kien hemm ukoll fix-shaft zewg (2) cilindri tal-gass li ma kienux ghadhom hemm u inoltre kien tkisser jew naqas xi irham u xi hgieg li kienu sfuzi fix-shaft in kwestjoni;

“L-attur jallega ukoll li fil-kors tal-istess xogholijiet saritlu hsara fit-tinda tax-xemx tal-kanvas li kien hemm mal-faccata tal-hanut tieghu. Dwar din il-hsara l-attur jallega li l-konvenut Carmelo Stivala kien accetta li jghamel tajjeb ghad-danni relattivi;

“Dwar dawn il-hsarat kollha l-attur ipproduca xi dokumenti. Dawn id-dokumenti jindikaw li l-valur tal-hsarat tal-hgieg kien jammonta ghas-somma ta’ Lm426.60 (MMX1 – fol.50), tal-irham, li nstab nieqes, dan il-valur kien ta’ Lm214 (MMX2 – fol.50) u l-hsara ghar-rigward tat-tinda, li skond l-attur kellha titbiddel, kienet tiswa Lm1051 (MMX3 – fol.50);

“Il-konvenut Martin Stivala jammetti li kien hu, flimkien ma lavrant, li ghamel ix-xoghol in kwestjoni. Huwa jammetti li, meta gie biex jerga jibni l-hajt divisorju in kwestjoni, huwa kellu jidhol fil-proprjeta detenuta mill-attur u b’mod partikolari fix-shaft. Huwa jammetti li fl-imsemmija shaft kien hemm xi irham jew granit sfuz, kif ukoll xi hgieg sfuz. Huwa jammetti ukoll li fl-imsemmija shaft kien hemm tank tal-plastic u li dan it-tank kien maqlub rasu 'l isfel, pero’ huwa jichad li huwa qaleb dan it-tank;

"Tenut kont tar-rizultanzi u tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz jirrizulta sufficjentement pruvat li l-konvenut Martin Stivala ghandu jitqies responsabbli talli qaleb it-tank tal-plastic in kwestjoni u ghad-danni konsekwenzjali. In effett dak li qal l-istess konvenut Martin Stivala jindika li meta huwa dahal fix-shaft tal-attur it-tank ma kienx maqlub. Jidher ghalhekk li t-tank inqaleb waqt li l-istess konvenut kien qieghed fl-imsemmija shaft;

"Ir-responsabilita' tal-konvenut Martin Stivala tirrizulta ukoll minn dak li xehedu l-Ispettur Francis Micallef u s-Surgent 634 Wilfred Imbroll. Dawn l-ufficjali tal-Pulizija kkonfermaw li l-attur kien ghamel rapport dwar dawn il-fatti u li l-istess attur dak in-nhar stess kien indikalhom it-tank in kwestjoni maqlub wiccu l-isfel u kien ikkonfermalhom li dan kien fih fdalijiet tad-deheb u tal-fidda li jkunu ngemghu maz-zmien. P.S. 634 Wilfred Imbroll inoltre kkonferma li dak in-nhar kien mar fil-hanut gestit mill-attur u hemm sab li l-konvenut Martin Stivala kien qed jahdem fix-shaft tal-hanut tal-attur. Huwa kkonferma li ra r-recipjent in kwestjoni maqlub. L-istess Surgent ikkonferma li madwar l-imsemmi recipjent maqlub kien hemm ilma u tajn jew materjal qisu hama. Dan il-fatt jikkonferma li t-tank tal-plastic kien ghadu kif inqaleb;

"Ghalhekk il-konvenut Martin Stivala ghandu jitqies responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur in konnessjoni mat-telf tal-kontenut ta' dan it-tank jew recipjent. Kif gia gie rilevat jidher li t-tank kien ilu ma jitbattal xi tmien (8) snin. In vista ta' dan il-fatt u in vista tal-provi li saru f'dan ir-rigward, jidher li hu ragionevoli u opportun li l-valur komplessiv tal-kontenut tat-tank in kwestjoni ghandu jigi kalkolat fl-ammont ta' sitt elef liri maltin (Lm6000), tenut kont ukoll ta' diversi spejjez, bhal l-ispejjez tat-transport sabiex il-materjal jintbghat barra minn Malta;

"Il-hsarat l-ohra kollha indikati mill-attur ma jirrizulawx sufficjentement ippruvati. In effett ma jirrizultax li dawn il-hsarat gew rapportati lill-Pulizija. In effett jirrizulta li fix-shaft tal-attur kien hemm sfuzi xi irham u xi hgieg. Ma jirrizultax ipprovat pero' l-entita' ta' dan il-hgieg u irham u

jidher li l-valuri mghotija mill-attur huma esagerati u ma jirreferux ghal dak il-materjal li kien hemm fix-shaft. Ic-cirkostanza tat-tinda tal-faccata ma tirrizultax sufficjentement pruvata;

“In vista ta’ dan kollu d-danni li ghalihom qed jigi tenut responsabbli l-konvenut Martin Stivala qed jigu likwidati fis-somma komplessiva ta’ sitt elef liri maltin (Lm6000);

“Ma jirrizulta xejn li jista jitfa xi htija fuq il-konvenut Carmelo Stivala. Dan il-konvenut cahad li huwa qatt dahal fix-shaft tal-hanut tal-attur;

“Ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-konvenuti li huma mhux il-legittimi kontraditturi din ma tistax tigi akkolta stante li hawn hekk si tratta ta’ allegazzjonijiet ta’ hsarat provokati mill-agir tal-konvenuti u hi ghal kollox irrilevanti l-kwestjoni ta’ minn hu l-proprjetarju tal-lukanda;

“Ghal dawn il-motivi kollha :

“Tiddeciedi billi tiddikjara lill-konvenut Martin Stivala biss bhala responsabbli ta’ agir illegali u abuziv fil-konfront tal-attur meta huwa qaleb tank li kien qieghed fil-hanut detenut mill-attur, liema tank kien fih fdalijiet ta’ deheb u fidda u liema kontenut minhabba f’hekk intilef; tillikwida d-danni fis-somma ta’ sitt elef liri flus maltin (Lm6000) u tikkundanna lill-konvenut Martin Stivala ihallas lill-attur l-istess somma ta’ sitt elef liri maltin (Lm6000) in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

“Tillibera lill-konvenut Carmelo Stivala mill-osservanza tal-gudizzju;

“Spejjez jithallsu mill-konvenut Martin Stivala b’dan pero’ li l-ispejjez tal-konvenut Carmelo Stivala jithallsu mill-attur.”

**L-appell tal-konvenut Martin Stivala**

Permezz ta’ rikors ta’ appellipprezentat fit-18 ta’ Ottubru 2002 (ma liema rikors hemm anness dokument

konsistenti f'kopja legali ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 1134/94 ghas-somma ta' tlett elef lira – Dok "A" a fol. 152), Martin Stivala appella minn din is-sentenza. Huwa bazikament ghandu aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi sia ghal dak li jirrigwarda min verament ghamel il-hsara, kif ghal dak li hu l-*quantum* ta' dik il-hsara. In sostanza, l-appellant ighid li ma kienx hu li qaleb it-*tank* bil-fdal tad-deheb fih, u li fi kwalunkwe kaz kien evidenti – dejjem skond l-appellant – li l-attur appellat kien qed jipprova "itella' kont enormi ta' danni illi ma grawx biex jipprova jiehu *(sic!)* fuq Martin Stivala u anke missieru" (ara l-ewwel faccata tar-rikors ta' l-appell). Skond l-appellant din l-"inflation" hija korroborata mill-fatt li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li l-appellat kien ottjena kontra Carmelo Stivala fl-4 ta' April 1994 (u li kopja tieghu, kif inghad, giet annessa mar-rikors ta' appell) kien biss ghas-somma ta' Lm3,000.

**Il-fatti principali**

Tajjeb li jigu rikapitolati hawn il-fatti principali li fuqhom hija msejsa c-citazzjoni:

1. L-appellat huwa detentur ta' hanut tad-deheb li jinsab f'138A, The Strand, Gzira in kwantu huwa jikri dan il-hanut minghand terzi.

2. L-appellat jimmanifattura u jbiegh oggetti tad-deheb u tal-fidda.

3. Gewwa dan il-hanut hemm *shaft* li jmiss mal-fond Hotel Petit Paradis, the Strand, Gzira.

4. Fix-*shaft* tal-fond 138A, The Strand, Gzira kien jinzamm *tank* li fih l-appellat ighid li kien jahsel idejh fih wara li jkun qieghed jaghmel xoghol ta' manifattura ta' deheb u fidda. F'dan it-*tank* kien jingemgha fidda u deheb. Dan it-*tank* kien jitnaddaf kull hames snin.

5. Dan it-*tank* kull tant snin jintbaghat barra minn Malta biex minnu jingabar il-frak tad-deheb u fidda li jkun iddepozita ruhu fil-qiegh tat-*tank*.

6. L-appellant Michael Stivala dahal fil-fond mikri lill-appellat, minn liema naha kienu qeghdin isiru xi xogholijiet fil-hajt divizorju.

7. It-*tank* inqaleb u saru hsarat ohra.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Dan huwa appell li huwa kollu kemm hu bbazat fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti, li min-naha taghha kkonkludiet li l-appellant Martin Stivala kien responsabbli ghad-danni li kkaguna lill-appellat in kwantu kien hu li qaleb it-*tank* li kien hemm fix-*shaft*, u llikwidat id-danni fl-ammont ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000).

Huwa maghruf li bhala regola din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax bla bzonn l-apprezzament, jew tirriezamina d-diskrezzjoni, ta' l-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-provi. Fil-kaz in dizamina, kemm l-ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti huma rinfaccjati b'zewg verzjonijiet kontradittorji. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti trid tqis il-piz tal-provi migjuba quddiemha, ferm dejjem il-principju li min jallega jrid jipprova, in kwantu l-prova *'incumbit ei qui dicit non ei qui negat'*; kif inghad *"il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq is-semplici possibilitajiet: imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet"* (**E. Zammit v. E. Petrococchino** – Appell – 25 ta' Frar 1952). F'dan il-kaz l-oneru tal-prova kien fuq l-appellat[3]. Il-Qorti trid ghalhekk

[3] *"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu"* (**Dr. H. Lenicher v. J. Camilleri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Marzu 1972, Onor. Imhallef Riccardo Farrugia).

tara jekk dan l-oneru giex meghlub, kif ukoll li tassikura li l-prova kienet serja u mhux arkitettata b'mod li tigi aggirata l-ligi u b'hekk assikurata ghajnuna mhux misthoqqa meta l-appellat ma jkunx jikkwalifika ghaliha. Huwa veru li kull gudikant ghandu l-obbligu li jiddeciedi a bazi tal-principju *'iuxta allegata et probata'* izda daqstant iehor ghandu d-dover jirrifletti serjament fuq il-provi u mhux ihalli ruhu jigi kondizzjonat minn aspetti jew provi li huma ghal kollox irrilevanti, jew intizi primarjament bhala tentattiv biex jizvijaw l-attenzjoni tieghu.

Issa, il-fatti li dwarhom <u>m'hemmx</u> kontestazzjoni huma li:-

(a) Martin Stivala kien dahal fil-proprjeta` mikrija lill-appellat sabiex ikun jista' jaghmel xogholijiet fil-hajt divizorju li jaqsam iz-zewg proprjetajiet. Huwa xehed:- *"Fl-ebda mument ma dhalt jew inzilt fil-bitha ta' Michael Mifsud. Kien biss meta gejna biex nergghu nibnu l-hajt mill-gdid meta ghal xi mumenti kien hemm il-bzonn illi tidhol fuq in-naha ta' Michael Mifsud biex jsir it-tikhil u x-xoghol jsir sewwa"* (fol. 103).
(b) Fix-*shaft* kien hemm tank li kien maqlub. Martin Stivala xehed:- *"Huwa veru li tank kien maqlub rasu l-isfel imma ma kontx, la jien u lanqas l-lavrant l-iehor li kien hemm li qlibna dan il-bicca tank tal-plastic li kien hemm."* (ara fol. 103-104).

Il-kwistjoni kollha f'dan il-kaz hija, ghalhekk, jekk:-
(c) l-appellant qalibx it-*tank* in kwistjoni; u
(d) jekk fl-affermattiv, jekk it-*tank* kellux fih frak ta' deheb b'valur ta' Lm6,000.

Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaccjata b'verzjonijiet opposti ghal xulxin; anzi, meta kaz ikun kontestat fuq il-provi, u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-ligi, x'aktarx li huwa proprju dan li jigri, cioe` li jkun hemm verzjonijiet konfliggenti. Kif inghad: *"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-*

*Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant... . Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."* : **Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia**, Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran.

Fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti xehed P.S. 64 Wilfred Imbroll[4] li kkonferma li meta mar fuq il-post, wara li kien sar rapport mill-appellat, *"madwar it-tank fil-bitha kien hemm tajn u ilma. Fl-opinjoni tieghi it-tajn ma kienx forma ta' munzell li wiehed seta' jerga' jigbru"*. Minn din id-deposizzjoni jirrizulta wkoll li fil-mument li waslu l-pulizija, l-appellant kien jinsab fil-bitha[5]. Jidher ghalhekk li l-Ewwel Qorti kienet gustifikata meta waslet biex tikkonkludi li t-*tank* in kwistjoni *"kien ghadu kif inqaleb"* [6] u li ghalhekk kien inqaleb waqt li l-istess appellant kien jinsab gewwa s-shaft li huwa parti mill-hanut li jiddetjeni l-appellat. Dan apparti l-fatt li *a tempo vergine* jirrizulta wkoll li l-appellat kien qal lill-pulizija li t-*tank* kien gie maqlub u li fih kien izomm il-fdalijiet tad-deheb. F'dan ir-rigward issir riferenza ghax-xiehda li nghatat mill-Ispettur Francis Micallef[7] fejn iddikjara:- *"Ghandi nghid ukoll li skond is-sur Mifsud cioe` l-attur it-tank kien fih materjal likwidu u bicciet tad-deheb. Huwa kien spiegali li l-kontenut ta' dan it-tank kien jiswa peress li dawn kienu bcejjec tad-deheb li jingabru tul is-snin u sussegwentement jibghatuh il-Germanija biex jigi processat. Ghalhekk huwa qalli li l-kontenut kien jiswa"*.

---

[4] Seduta tat-28 ta' Frar 2000 (fol. 121 – 123)

[5] *"Illi l-uniku mod kif seta' johrog mill-bitha Martin Stivala kien li johrog mill-hanut ta' l-attur. Fil-fatt jiena stennejt hemmhekk sakemm hareg Martin Stivala mill-hanut ta' l-attur. Li nikkonferma huwa li Martin Stivala kien qed jaghmel xi xoghol ta' kostruzzjoni meta jiena wasalt fil-bitha...."* (fol. 122).

[6] Fol. 145.

[7] Sedta tat-12 ta' Dicembru 1996 (fol. 64 – 66).

Fatti u cirkostanzi, dawn, li rrizultaw ukoll mill-okkorrenza tal-pulizija (fol. 67)[8].

Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni[9], jidher bic-car li l-Qorti stabbiliet is-somma ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) *arbitrio boni viri*. L-appellat ma ressaq l-ebda prova dwar il-valur tal-frak tad-deheb li kien jinsab fit-*tank* meta nqaleb, u frankament din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif seta jaghmel hekk tenut kont tal-materjal in kwistjoni – frak minuskolu ta' deheb u fidda li jingabar maz-zmien bil-hasil ta' l-idejn. Fis-seduta tal-1 ta' Novembru 1995[10] l-appellat xehed li l-valur ikun *"gieli four thousand, gieli five thousand, skond"*. Ipprezenta wkoll dokumenti[11] li juru li fl-1985 kien baghat il-Germanija *"one iron drum containing goldsmith's sweepings for refining and return to Malta in fine form"* u li l-valur kien ta' Lm10,000. Mill-provi pero` ma jirrizultax li dak li kien hemm fit-*tank* in kwistjoni kien ta' l-istess piz u ammont bhall-konsenja li kienet intbaghtet fl-1985. F'wiehed mid-dokumenti l-piz huwa indikat bhala 300 kilo. L-appellant isostni li qabel ma saret il-kawza kien sar mandat ta' sekwestru[12] fejn il-pretenzjoni ta' l-appellat giet indikata fl-ammont ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000). Dan il-fatt fih innifsu ma jfissirx li l-appellant huwa ristrett fl-ammont ta' danni li jista' jirreklama, pero` jista – u f'dan il-kaz sejjer – jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti. Huwa risaput ukoll li kulhadd ghandu obbligu li jimminimizza d-danni li jsofri. Il-parti danneggjata ghandha obbligu biex ma taggravax bla bzonn id-danni ghal min ikun responsabbli ghalihom u ghall-hlas taghhom. L-obbligu tad-danneggjat li jillimita d-danni huwa mhux biss wiehed passiv fis-sens li hu ma ghandu jaghmel xejn biex izidhom, imma huwa wiehed ukoll attiv fis-sens li huwa tenut li jaghmel dak li huwa possibbli biex ma jhallix dawn

---

[8] *"Il-kwerelant kompla jghid li Stivala kien qaleb it-tank li kien qieghed fl-istess bitha liema tank huwa maghmul apposta sabiex izomm fdalijiet ta' deheb".*

[9] *"Il-prova tad-danni ghandha ssir minn min jippretendihom. Din il-prova mhux bilfors issir b'mod dirett, u jistghu jittiehdu f'konsiderazzjoni probabbiltajiet fondati, u jsiru kalkoli approssimativi"* (**Evaristo Psaila et v. George Spiteri** deciza fit-12 ta' Frar 1965 – Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) – Vol. XLIX.i.486).

[10] Fol. 20-43.

[11] Fol. 50.

[12] 1134/1994 prezentat fl-4 ta' April 1994 (fol. 152).

id-danni jikbru fejn jista' b'azzjoni tieghu jarginahom[13]. Dan ifisser li l-appellat kellu obbligu li jipprova jigbor u jsalva dak li kien salvabbli. Ix-xiehda moghtija mis-Surgent 64 Wilfred Imbroll[14] ma tantx tista' sservi biex titfa' dawl fuq dan il-punt in kwantu xehed li:- *"Qed nigi mitlub biex niddeskrivi dan it-tajn. Jiena nghid li kien mahlul pero` fl-istess hin kien pasty.* ***Ghandi nghid ukoll li ghadda z-zmien issa****"* (emfasi ta' din il-Qorti). Min-naha tieghu l-appellat xehed *"…jiena ma stajtx nigbor il-kontenut tal-istess tank peress li kien hemm it-tajn u kollox spicca fil-galley"*[15]. Jidher li l-appellat ha l-atteggjament li gialadarba saret il-hsara, ser jaghmel tajjeb ghalih l-appellant. Fic-cirkostanzi d-danni likwidati mill-ewwel Qorti jidhru li huma ftit gholjin u jkun iktar ekwu jekk is-somma tigi ridotta ghas-somma indikata fil-mandat ta' sekwestru aktar 'l fuq imsemmi.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn illikwidat id-danni fis-somma ta' sitt elef lira u ordnat lill-konvenut Martin Stivala jhallas din is-somma lill-attur, u minflok tillikwida d-danni fis-somma ta' tlett elef lira (Lm3,000) u tordna lill-konvenut appellant Martin Stivala li jhallas din is-somma lill-attur appellat in linea ta' danni (bl-imghax legali mid-data ta' l-ewwel sentenza, cioe` mill-4 ta' Ottubru 2002, sad-data ta' l-effettiv pagament); u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, hlief ghall-kap ta' l-ispejjez. Dwar l-ispejjez, il-Qorti tordna li kemm l-ispejjez ta' l-ewwel istanza kif ukoll dawk ta' dana l-appell – u hlief ghall-ispejjez tad-digriet ta' l-24 ta' April 1995, li ghandhom jithallsu mill-attur skond ma hemm a fol. 18 ta' l-atti, kif ukoll ghall-ispejjez ta' Carmel Stivala li wkoll ghandu jhallashom l-attur – ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tmien partijiet minn ghaxra (8/10) mill-konvenut appellant Martin Stivala u ghar-rimananti zewg partijiet (2/10) mill-attur appellat.

---

[13] Ara per ezempju sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Aquilina v. Emmanuele Schembri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fl-24 ta' Jannar, 1969.
[14] Seduta tat-28 ta' Frar 2000 (fol. 121).
[15] Fol. 98.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------